MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 1656/1992/2

**Anthony Ventura ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta**

**v.**

**Michael A. Fenech bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Fenech Oil and Petroleum Company Limited**

Wara s-Sentenza datata 2 ta' Ottubru 2012 fl-ismijiet:-

**Korporazzjoni Enemalta**

**v.**

**Fenech Oil & Petroleum Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li l-Korporazzjoni attrici pprezentat fis-7 ta' Dicembru, 1992, u li jaqra hekk:
"Billi l-attur nomine biegh u kkonsenja lill-konvenut nomine zjut ghall-prezz ta' Lm50,628.85 (hamsin elf, sitt mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu) liema ammont sallum ghadu l-bilanc pendentim kif jirrizulta minn statement hawn anness u mmarkat Dok "X".

"Billi ghalkemm il-konvenut nomine gie nterpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 29 ta' April 1992, huwa baqa' inadempjenti.

"Billi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili, u billi, fil-fehma tal-esponenti, il-konvenut nomine m'ghandu ebda eccezzjoni valida x'iressaq ghar-rigward, l-istanti qed jannetti ma' dan l-att Affidavit markat Dok "A" a tenur tal-istess artikoli tal-Kodici tal-Procedura Civili.

"Jghid il-konvenut nomine ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

"1) tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

"2) tikkundannah nomine jhallas is-somma ta' Lm50,628.85 rapprezentanti l-bilanc dovut ghaz-zjut mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut nomine mill-attur nomine.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta' April 1992,tal-Affidavit esebit (Dok "A"), u tal-Mandat ta' Qbid u Sekwestru, li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan l-att, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-effettiv

pagament kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li ressqet is-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet:
"Illi l-eccipjent ma jirrapprezentax gudizzjarjament lis-socjeta` konvenuta izda skont il-Memorandum u Articles of Association ta' din is-socjeta` din ir-rapprezentanza tispetta esklussivament lil Michael Angelo Fenech u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

"Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni c-citazzjoni hija nulla peress li ma gietx iffirmata minn Imhallef.

"Illi minghajr pregudizzju tal-eccezzjonijiet fuq imsemmija l-attur ghandu jesebixxi l-awtorizzazzjoni li tintolah jipprocedi f'isem is-socjeta` attrici.

"Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-eccipjent ma ghandux jaghti l-ammont mitlub .

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri li ressqet is-socjeta` konvenuta fit-13 ta' Ottubru, 2009, li in forza taghha eccepiet:
"1. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet diga` minnu sollevati, l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors ta' hames snin a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fuq din l-eccezzjoni ulterjuri fit-2 ta' Ottubru, 2012 li in forza taghha ddecidiet il-materja billi:
"1. Tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni limitatament fir-rigward tal-bejgh li sar bejn l-1 sal-4 ta' Dicembru 1987.

"2. Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tal-kumplament tal-bejgh li sar mis-7 ta' Dicembru 1987 sal-ahhar ta' Marzu 1988.

"Spejjez a karigu tal-konvenuta."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Ghalkemm fic-citazzjoni jinghad li fid-29 ta' April 1992 giet prezentata ittra ufficcjali li permezz taghha nterpellat lill-konvenuta sabiex thallas l-ammont oggett ta' dawn il-proceduri, dan l-att gudizzjarju ma giex prezentat[1]. Ghalhekk il-qorti ma tafx jekk l-att gudizzjarju giex notifikat lid-destinatarju. Fic-cirkostanzi dak l-att ma jistax iservi ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili.

"Mill-provi li ressqet l-attrici jidher li l-invoices kienu johorgu darba fix-xahar u l-hlas isir sittin (60) jum wara. Il-pagamenti li saru wara Dicembru 1987 kienu tnejn:-

"i. **F'Jannar 1988** – hlas li kien jirreferi ghall-bejgh ta' zejt matul ix-xahar ta' Ottubru 1987.
"ii. **Fi Frar 1988** – hlas li kien jirreferi ghall-bejgh ta' zejt matul ix-xahar ta' Novembru 1987[2].

"Hekk kif giet prezentata c-citazzjoni fis-7 ta' Dicembru 1992 ma baqghetx tiddekorri l-preskrizzjoni.

"Ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet li ghal kaz in kwistjoni japplika l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, li jipprovdi ghall-preskrizzjoni ta' hames (5) snin.

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fis-16 ta' Lulju 2012, il-konvenuta ssostni li d-data tan-notifika tac-citazzjoni hi determinanti ghall-ezitu ta' din l-eccezzjoni.

[1]Ara deposizzjoni ta' Emanuel Sciriha fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2011 li ghalkemm ikkonferma li mir-records jirrizulta li giet prezentata ittra ufficjali fl-ismijiet **Lawrence Ciantar nomine vs Michael Fenech et nomine**, l-att gudizzjarju ma nstabx u ma jafx id-data meta gie pprezentat.
[2] Ara deposizzjoni ta' Godfrey Scicluna, seduta tat-2 ta' Dicembru 2011 u dokumenti li pprezenta dakinhar.

Jirrizulta li l-konvenut nomine pprezenta nota tal-eccezzjonijiet fit-2 ta' Frar 1993.

“Fis-7 ta' Dicembru 1992, data meta giet prezentata c-citazzjoni, l-uniku direttur tal-kumpannija konvenuta li kellu r-rapprezentanza gudizzjarja kien Michael A. Fenech (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' April 2001). Fit-22 ta' Marzu 1993 inghata digriet fejn il-qorti awtorizzat korrezzjoni fis-sens li isem Michael Fenech jaqra "Michael A. Fenech". Il-qorti xorta hi tal-fehma li l-persuna mharrka kienet il-kumpannija. L-izball, jekk tista ssejjahlu zball, kien fl-isem ta' Michael Fenech, fis-sens li fin-nofs thalliet barra l-ittra "A". Personalment din il-qorti ma tarax kif il-kumpannija konvenuta tista’ tiehu xi beneficcju mill-fatt li fl-okkju tac-citazzjoni tnizzel Michael Fenech u mhux Michael A. Fenech. Ovvjament Fenech qieghed jipprova jaghmel kapital minn din is-sitwazzjoni peress li hemm familjari tieghu li jismu Michael Fenech, u li fiz-zmien in kwistjoni ma kellux ir-rapprezentanza gudizzjarja. Ir-realta’ tibqa’ li l-kumpannija Fenech Oil & Petroleum Company Limited kienet imharrka bhala konvenuta mal-prezentata tac-citazzjoni. Il-problema kienet, jekk tista’ tghidilha problema, fl-identifikazzjoni tal-persuna li tirraprezenta lil din il-kumpannija.

“Ghal din il-qorti jkun assurd u ferm odjuz li wiehed jipprova jiehu xi vantagg mill-fatt li halla ittra barra mill-isem tal-persuna li ghandha r-rapprezentanza guridika. Zgur li dan m’ghandux ikun il-mod kif tahdem il-gustizzja, meta hu evidenti min kienet il-persuna mharrka quddiem il-qorti, cjoe’ Fenech Oil & Petroleum Company Limited. Il-kaz kien ikun differenti li kieku per ezempju l-kumpannija mharrka ma kenitx il-legittimu kontradittur. Bit-tezi tal-konvenuta jkun ifisser li zball tal-pinna jwassal biex attur jitlef id-dritt li jirribatti eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Dan hu inaccettabbli meta hu car min kienet il-persuna mharrka bhala konvenuta. Tant kien car li n-nota tal-eccezzjonijiet prezentata fit-2 ta' Frar 1993 ma kenitx limitata ghall-eccezjonijiet ta' natura legali.

“Fil-fatt l-ahhar eccezzjoni taqra:-

“***"Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-eccipjent ma ghandhux jghati l-ammont mitlub"***.

“Eccezzjoni li hi ta’ sostanza in kwantu titratta l-meritu.

“Fin-nota ta’ sottomissjonijiet il-konvenuta ghamlet hafna enfazi fuq il-fatt li l-ksur tal-preskrizzjoni tiddependi min-notifika tac-citazzjoni, u qalet:-

“*“.....wara s-Sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ta’ l-20 ta’ April 1995 moghtija fl-atti ta’ din il-kawza u li ordnat in-notifika mill-gdid tac-Citazzjoni kif korretta lis-socjeta konvenuta kif rapprezentata, l-uniku Direttur, appuntat fil-15 ta’ Marzu 1993 bhala r-rapprezentant gudizzjarju li seta’ jirraprezenta lis-socjeta konvenuta, kien Kevin J. Fenech”*.

“F’dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza li tat din il-qorti[3] fil-kawza **George Bonnici nomine vs Nicholas Ellul et** deciza fit-2 ta’ Mejju 2005, fejn osservat:-

“*“Jinghad li l-att tac-citazzjoni huwa att esekuttiv ta’ l-azzjoni u mhux rinnovattiv taghha. Gie allura post il-kwezit jekk azzjoni ezercitata tistax tigi preskritta jekk l-att esekutorju ta’ dik l-azzjoni ma jigix notifika lid-debitur. It-twegiba ghal dan l-istess kwezit hi dik illi jekk l-azzjoni giet ezercitata permezz ta’ xi wahda mill-forom kontemplati ghal dan l-iskop fil-Kodici ta' Procedura Civili, Kapitolu 12, wiehed ma jistax jitkellem aktar fuq il-preskrizzjoni tad-dritt ghall-azzjoni gudizzjali, kif din hi regolata fil-Kodici Civili, imma fuq id-dezerzjoni ta’ l-azzjoni, kif din hija regolata fil-Kapitolu 12. Ara a propozitu sentenzi fl-ismijiet “**Margaret Briffa nomine -vs- Joseph Debono**”, Appell Kummercjali, 7 ta’ Lulju 1992 u “**David Agius -vs- Dr. Alfred Sant et**”, Appell Civili, 29 ta’ Mejju 1991, fost ohrajn.”*.

“Jekk l-affarijiet huma hekk, il-qorti ma tifhimx kif:-

---
[3] Imhallef P. Sciberras.

“i. Ghas-seduti hu dejjem Michael Angelo Fenech li jattendi in rapprezentanza tal-kumpannija konvenuta.

“ii. Fit-13 ta’ Ottubru 2009 il-kumpannija konvenuta pprezentat eccezzjoni ulterjuri li giet ikkonfermata bil-gurament minn Michael Angelo Fenech, cjoe’ l-eccezzjoni li qeghda tigi trattata f’din is-sentenza. Fatt li fil-fehma tal-qorti ma jistax jigi nterpretat mod iehor ghajr li volontarjament il-konvenuta kienet ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi qeghda taghti ruhha notifikata bl-atti. Jekk wiehed kellu jaddotta r-ragunament tad-difensur tal-konvenuta, allura jfisser li r-risposta guramentata ulterjuri hi nulla.

“Mill-kalkoli li ghamlet il-qorti, il-kontijiet ghax-xhur ta Jannar, Frar u Marzu 1988 m’humiex preskritti, peress li l-kawza giet prezentata fis-7 ta’ Dicembru 1992. L-istess jinghad fir-rigward tal-bejgh li sar bejn is-7 u l-31 ta’ Dicembru 1987. Madankollu hu preskritt l-jedd tal-azzjoni ghall-bejgh li sar mill-1 sal-4 ta’ Dicembru 1987.”

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza parzjali moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili fit-2 ta’ Ottubru 2012 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi, u filwaqt illi tilqa’ l-eccezzjoni ulterjuri taghha tal-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna kif sollevata permezz tar-Risposta Guramentata ulterjuri tat-13 ta’ Ottubru 2009, tichad it-talbiet tal-Korporazzjoni attrici bl-ispejjez kontra l-istess attrici appellata;

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza l-Korporazzjoni attrici qed titlob hlas ghall-bejgh ta' zejt lis-socjeta` konvenuta, liema bejgh sar mix-xahar ta' Dicembru, 1987 sa Marzu, 1998. Bl-eccezzjoni ulterjuri taghha, is-socjeta` konvenuta ressqet l-ilment li, skont hi, l-azzjoni attrici hi preskritta skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, li jippreskrivi terminu ta' hames snin ghall-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra; mhux kontestat li dan l-artikolu tal-ligi hu applikabbli ghall-kaz. Il-punt kontrovers inqala' ghax din il-kawza, wara il-pprezentata, giet notifikata lil Michael Fenech, li fiz-zmien tan-notifika ma kellux ir-rapprezentanza gudizzjarja tal-kumpanija konvenuta. Sussegwentement, isem ir-rapprezentant gie korrett ghal "Michael A. Fenech" u giet ordnata n-notifika mill-gdid lis-socjeta` konvenuta kif debitament rapprezentata. Din in-notifika mill-gdid ma saretx, pero`, l-ewwel Qorti osservat li tali notifika ma kienx mehtieg li ssir peress li, bhala fatt, ghas-seduti quddiemha kien jidher Michael A. Fenech, u inoltre kien dan li ressaq u kkonferma bil-gurament l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni.

Kwindi, fil-fehma tal-ewwel Qorti, ma kienx hemm bzonn aktar ta' notifika formali, u cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (hlief limitatament) peress li l-prezentata tac-citazzjoni serviet biex tinterrompi l-istess preskrizzjoni.

Is-socjeta` konvenuta appellat mis-sentenza u qed tinsisti fuq notifika formali tal-att, u qed tghid ukoll illi la darba kienet giet ordnata n-notifika mill-gdid tac-citazzjoni kif korretta, "ifisser necessarjament illi c-citazzjoni kif originarjament impostata pprezentata fis-7 ta' Dicembru, 1987, ma setghetx isservi bhala interruzzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront tas-socjeta` konvenuta".

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dawn is-sottomissjonijiet. Fil-waqt li hu veru li kienet giet ordnata n-notifika tal-att tac-citazzjoni lil Michael A. Fenech f'isem is-socjeta` konvenuta, tali notifika mhux mehtieg li kellha bilfors ssir b'mod formali, izda setghet issir anke b'mod implicitu, bil-prezenza tal-istess persuna fis-seduta meta dik il-persuna, hekk prezenti, ma tinsistix ghal xi forma ta'

notifika formali. Il-prezenza ta’ parti ghas-smiegh tal-kawza tieghu quddiem il-Qorti jfisser notifika tal-atti tal-kawza sa dak il-mument peress li hu meqjus li tkun hadet konjizzjoni tal-atti kollha sa dak il-mument, u dan sakemm dik il-parti ma tqajjimx xi forma ta’ oggezzjoni valida u tinsisti ghal notifika formali. F’dan il-kaz, wara li saret id-debita korrezzjoni u giet ordnata n-notifika, il-persuna legittima, Michael A. Fenech, deher ghal diversi seduti quddiem l-ewwel Qorti u segwa u ppartecipa fl-andament tas-smiegh tal-kawza. Fil-fatt, l-ewwel Qorti kkonstatat f’diversi seduti li quddiemha deheru “il-partijiet”, fosthom, allura, Michael A. Fenech, u fis-sentenza stess, il-Qorti stqarret li ghas-seduti “hu dejjem Michael Angelo Fenech li jattendi in rapprezentanza tal-kumpanija konvenuta”. Wara li saret il-korrezzjoni fil-persuna tar-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, saru diversi seduti quddiem l-ewwel Qorti, u fihom kien jidher Michael A. Fenech li qatt ma nsista ghan-notifika formali.

Fil-kuntest tal-aggravju marbut ma’ minn meta jitqies li sehh, jekk sehhet, l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, ilu zmien twil deciz illi citazzjoni prezentata fi zmien utili hija bizzejjed biex tinterrompi l-preskrizzjoni, nonostante l-fatt li l-konvenut gie notifikat wara l-gheluq tat-terminu – ara **Bonello v. Bonello**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ April, 1983, **Jagrove Services Ltd. v. Attard**, deciza mill-istess Qorti fil-21 ta’ Mejju, 2004, **Caruana v. Mifsud**, deciza minn din il-Qorti fl-24 ta’ Settembru, 2004, **Sultana v. Gaerty**, deciza wkoll minn din il-Qorti fl-1 ta’ April, 2005, **Abela v. G.V. Xuereb Ltd**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Gunju, 2006, u **Gabriel et v. Farrugia et**, deciza wkoll mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Ottubru, 2009, fost ohrajn.

Il-fatt li saret korrezzjoni ta’ isem ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta ma jbiddel xejn mill-principju li ghadu kemm gie enuncjat. Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Zarb v. Camilleri**, deciza fit-30 ta’ Mejju, 1997, osservat li la darba, wara l-korrezzjoni, il-kawza baqghet l-istess u ma ssejhitx persuna gdida fil-kawza, il-preskrizzjoni tibqa’ interrotta bil-prezentata tac-citazzjoni. Anke f’din il-kawza,

wiehed ifakkar, il-persuna tal-konvenuta baqghet l-istess nonostante bidla fl-isem tar-rapprezentant taghha.

Aktar recenti, din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Anastasi v. Gaming Operations Ltd. et**, deciza fit-28 ta' Jannar, 2008, osservat l-istess meta qalet:

"*Hu accettat mis-socjeta` appellanti illi l-kawza prezenti quddiem it-Tribunal saret fiz-zmien utli in kwantu din giet intavolata fit-3 ta' Settembru (recte, Ottubru) 2005 mentri t-tkeccija avverat fis-16 ta' Lulju 2005. Hi targumenta pero` illi l-korrezzjoni awtorizzata (11 ta' Jannar 2006) gabet maghha l-inkomincjament ta' proceduri godda kontriha, u la kienu ghaddew l-erba' xhur, tali procediment kien improponibbli. Bir-rispett kollu, tali argoment hu wiehed fallaci. Il-korrezzjoni ma ikkrejatx inezistenza guridika ta' l-att introduttiv tal-gudizzju jew is-sostituzzjoni tieghu bi procedura ex novo, imma serviet biex telimina l-indikazzjoni errata tal-parti fil-kontradittorju u konsegwentement ghal fini tac-certezza tas-suggett azzjonat. B' hekk, logikament, il-procedura inizzjata ma nbiddletx f' wahda gdida u jkollu jinghad b' konsegwenza illi l-appellata ma naqsetx dwarha milli tirrispetta t-terminu ffissat mil-ligi. Ghamel sewwa ghalhekk it-Tribunal li cahad l-eccezzjoni opposta mis-socjeta` appellanti.*"

Kwindi, la darba l-att tac-citazzjoni gie prezentat fi zmien utili (hlief ghal xi ftit granet kif osservat l-ewwel Qorti), l-azzjoni attrici ma tistax titqies preskritta u l-istess tista' titkompla tinstema' fil-meritu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` konvenuta billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez relattivi jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellanti, Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------